MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 132/2014/1

**Macri Joint Venture, konsorzju iffurmat minn Impresa Capece Minutolo s.r.l (socjeta` registrata f'Ruma, l-Italja) u CM Costruzioni s.r.l. (socjeta` registrata f'Napli, l-Italja) liema socjetajiet huma lokalment rapprezentati minn Marzio Filippo Capece Minutolo del Sasso debitament awtorizzat.**

**v.**

**1) Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta;**

**2) Dipartiment tal-Kuntratti; u**

**3) AX Construction Limited**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konsorzju Macri Joint Venture [l-appellant] minn decizjoni moghtija mill-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti [il-Bord] fil-11 ta' Marzu 2004 li permezz taghha dak il-Bord iddecieda hekk:

*"1. Any tenderer has the right to appeal before this Board; however the 'Reasoned Letter of Objection must contain specific reasons and not a general vague statement. The appellant's obection contained a general statement without any founded reasons given thereto.*

*"2. The Preferred Bidder was fully compliant and the cheapest and in this regard the Evaluation Board acted in a diligent and fair manner in its decision.*

*"In view of the above, the Board finds against the Appellant and recommends that the deposit paid by the Appellantshould not be reimbursed."*

**2.** Il-Bord immotiva hekk id-decizjoni tieghu:

*"Having noted the Appellant's objection, in terms of the 'Reasoned Letter of Objections' dated 5$^{th}$ December 2013 and also though the Appellant's verbal*

*submissions during the hearing held on 6th February 2014 had objected to the decision taken by the pertinent Authority, in that:*

*"[a] Appellant's bid was unfairly discarded as the offer submitted by same was the first cheapest and fully compliant bid; [b] Notification of the 'Letter of refusal' was sent to the wrong email address.*

*"Having considered the Contracting Authority's verbal sumbissions during the hearing held on the 6th Februatry 2014, in that*

*"[a] Appellant's letter of objection did not state the specific reasons for objecting to the Contracting Authority's decision;*

*"[b] Both the Appellant and the Preferred Bidder ware fully compliant, however the Preferred Bidder was the cheapest."*

**L-Appell**

**3.** L-appellant sejjes l-appell tieghu fuq zewg aggravji principali: [1] li ma kienx mehtieg *ad validitatem* li l-avviz tal-oggezzjoni jkun motivat fis-sens li jkun fih ir-ragunijiet specifici formanti l-bazi tal-oggezzjoni; u [2] li mhuwiex minnu li l-Offerent Rakkomandat kien konformi mar-rekwiziti tas-sejha.

**Il-Fatti**

**4.** Il-fatti relevanti huma dawn. Fil-21 ta’ Mejju 2013, id-Dipartiment tal-Kuntratti, fl-interess tal-Awtorita` tat-Turizmu ta’ Malta kien ippubblika sejha ghall-offerti bin-numru ta’ referenza CT3086/2012 li jirrigwarda xoghol ta’ restawr fit-Torri Wignacourt u Beachpost f’San Pawl il-Bahar. Skont il-klawsola numru 32 tad-dokument tas-sejha, l-appalt kellu jinghata lil min ikun konformi mal-htigijiet tas-sejha bl-orhos prezz.

**5.** Wara li saret l-evalwazzjoni tal-offerti mill-esperti inkarigati fi hdan l-Awtorita` tat-Turizmu ta’ Malta, id-Dipartimenti tal-Kuntratti rrakkomanda li l-kuntratt jinghata lill-kumpanija appellata AX Construction Limited billi kienet tefghet l-orhos prezz.

**6.** Fil-5 ta’ Dicembru 2013 l-appellant dahhal avviz ta’ oggezzjoni quddiem il-Bord ta’ Revizjoni biex jikkontesta l-ghotja tal-kuntratt lill-kumpanija fuq indikata. Il-parti relevanti tal-avviz li titratta dwar il-motivazzjoni taqra hekk:

> *“We hereby appeal from the decision …. since it is unfair and prejudicial against us and furthermore it is based on mistaken, wrong and irrelevant consdierations. We therefore ask you to reverse the decision and declare that the financial bid submitted by [appellant] was the cheapest offer satisfying and complying with all tenchnical and administrated requirements…”*

**7.** Izda l-appellant jonqos milli jaghti ragunijiet specifici li fuqhom hu kien qed jibbaza l-oggezzjoni tieghu, fis-sens li naqas milli jindika liema kienu l-konsiderazzjonijiet li fil-fehma tieghu kienu *"mistaken, wrong and irrelevant"*.

*L-ewwel aggravju*

**8.** L-appellant jghid li, kuntrarjament ghal kif kienet qabel, il-ligi llum ma tirrikjedix *"a reasoned letter of objection"* izda biss *"a notice of objection"* u ghalhekk l-unici zewg elementi rikjesti *ad validitatem* huma l-prezentata tal-avviz tal-oggezzjoni u li din ghandha tigi prezentata fit-terminu preskritt flimkien mad-depozitu applikabbli. Fil-fatt, skont hu, il-prassi llum 'il gurnata hi li "l-ispjegazzjoni dettaljata tal-aggravji tal-oggezzjonant issir *seduta stante* waqt is-smigh quddiem il-Bord ta' Revizjoni."

**9.** Huwa kompli jifisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi dan huwa ezattament dak li gara fil-kaz odjern fejn il-konsorzju appellant ressaq aggravju car u ben specifiku ghalfejn fil-fehma tieghi, l-offerta tal-kumpanija rakkomandasta ma kienitx konfromi mar-rekwiziti tas-sejha in kwantu din tal-ahhar m' ghandhiex l-esperjenza rikjesta ghal dan il-kuntratt.
>
> "In ogni caso, ma giet eccepita l-ebda nullita' minhabba l-allegat nuqqas ta' dettal fl-avviz ta' oggezzjoni u anke kieku din giet eccepita, sabiex ikun hekk nullita' ta' att promotur tkun trid tirrizulta espressament mill-ligi. Kif rajna, l-obbligu li tipprezenta a reasoned letter of objection illum tnehha mill-ligi applikabbli. Inoltre ma kien hemm l-ebda dubju dwar l-aggravju tal-esponent

> tant illi gie trattat u diskuss waqt is-smigh quddiem il-Bord ta' Revizjoni u kien hemm decizjoni fil-meitu – ghalhekk ma gie rekat l-ebda pregudizzju."

*It-tieni aggravju*

**10.** Dan hu dirett lejn dik il-parti tad-decizjoni fejn il-Bord iddecieda li *"The Preferred Bidder was fully compliant and the cheapest and in this regard the Evaluation Board acted in a diligent and fair manner in its decision."*

L-appellanti jsostnu li din il-konkluzjoni "giet raggjunta b'mod mill-aktar legger u superficjali, u li l-Bord ma wettaqx l-indagini tieghu hekk kif inhu tenut li jaghmel skont il-ligi." Huwa jirreferi b'mod specifiku ghar-rekwiziti preskritti fil-klawsola 6.1.2 tad-dokument ghas-sejha ghall-offerti, u jallega li l-offerent rakkomandat ma kienx jissodisfa dawn ir-rekwiziti, b'mod partikolari dak relatat mal-esperjenza tieghu fil-qasam koncernat u l-prezentazzjoni tad-dokumenti in sostenn tal-ezistenza ta' dan ir-rekwizit.

**11.** Jghid li:

> "Li rrziulta mandankollu li dakinhar tas-smigh, id-dokumentazzjoni relattiva [inkluz it-tender tal-offerent rakkomandat] ma ngabitx a konjizzjoni tal-Bord ta' Revizjoni u dan bi ksur tar-Regoament 84[2][c] tar-Regolament dwar il-Kuntratti Pubblici u allura l-Bord ta' Revizjoni ma setax jaghmel l-indagini tieghu skond il-ligi. Illi dan in-nuqqas ma johrogx mill-minui kontenuti fid-decizjoni appellata

izda ghandu jirrizulta mit-traskrizzjoni kompleta tas-seduta, peress li dina giet irrekordjata fl-intier taghha.

“Illi, madankollu, minflok ma talab biex jara d-dokumentazzjoni, il-Bord ta’ Revizjoni strah fuq dikjarazzjoni ta’ Mr.Bernard Bartolo [Chairman tal-Evaluation Board] li bil-gurament tieghu kkonferma ‘ that the evaluation board had gone through the submitted documents and tere was a form which listed similar projects performed during the past 6 years and both the preferred bidder and the appellant passed through that stage’.

“Jilmenta mill-fatt li l-istess Bernard Bartoli informa lill-Bord li l-evalwazzjoni tal-offerti kienet outsourced peress li l-Awtorita’ appellata ma kellhiex fi hdana l-kompetenzi necessarji ghal dan il-ghan. Ghalhekk l-appellant isostni li se mai kellu jittella’ jixhed min fizikament ezamina l-offerti. Lanqas dan il-punt mhuwa riflwess fil-minuti pero’ ghandu jirrizulta mit-traskrizzjoni kompleta tas-seduta.”

**12.** Jkompli jghid:

“anke li kieku l-offerent rakkomandat iddikjara li ghandu l-esperjenza necessarja fil-formula appozita, huwa kellu *ad validitatem* igib prova dokumentali ta’ tali esperjenza – xi haga li kienet impossibbli ghalih li jaghmel peress li din l-esperjenza huwa m’ ghandux.”

**13.** Illi ghaldaqstant jidher car li l-indagini li kellha ssir mill-Bord ta’ Evalwazzjoni, u wisq aktar mill-Bord ta’ Revizjoni, ma saritx. Kieku saret din l-indagini kien jirrizulta li s-socjeta` appellata AX Construction ma ressqitx id-dokumenti mandatorji mitluba u kwindi ma hijiex konformi mar-rekwiziti tas-sejha ghall-offerti.

**14.** Fid-dawl tal-aggravji premessi l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li AX Construction Limited ma gabitx prova tal-esperjenza rikjesta, il-kuntratt *de quo* jinghata lill-istess appellant flimkien mar-rimbors tad-depozitu minnu mhallas. Bl-ispejjez a karigu tal-appellati.

**15.** <u>Id-Dipartiment tal-Kuntratti</u> intimat jirribatti bil-mod segwenti: li l-ewwel aggravju ma kien ser iwassal ghal imkien peress li, minkejja li ma kienx hemm ragunijiet specifici ghall-oggezzjoni, il-Bord xorta wahda dahal fil-konsiderazzjoni tal-mertu, u wasal ghal konkluzjoni tieghu fir-rigward; li b'dan l-aggravju l-appellant qed jappella mill-konsiderazzjoni tad-decizjoni, haga li tmur kontra l-kazistika lokali fejn huwa assodat li l-appell jista' jsir biss mill-parti operattiva tas-sentenza, u mhux mill-motivazzjoni taghha; li l-Bord kien korrett fl-osservazzjoni tieghu li l-avviz tal-oggezzjoni tal-appellant kien mankanti mir-ragunijiet specifici formanti l-bazi tal-oggezzjoni tieghu, l-istess appellat jaghmel analogija ma' appell minn sentenza tal-ewwel istanza, li necessarjament ghandu jikkontjeni b'mod car l-aggravju li fuqu jkun imsejjes l-appell, u dan anke fid-dawl tal-principji tas-smigh xieraq u tal-*equality of arms* li jirrikjedu li qabel is-smigh ta' kawza l-kontro-parti ghandha tkun taf x'inhuma l-ilmenti tal-parti l-ohra sabiex hi tkun tista' tipprepara d-difiza taghha; li t-tieni aggravju huwa stedina lil din il-Qorti, li hija Qorti ta' Revizjoni [f'dan il-kaz qorti tat-tielet istanza], sabiex taghmel apprezzament hi ta' dak li l-ligi tassenja lill-kumitat ta' evalwazzjoni.

**16.** Is-socjeta` intimata AX Construction Limited tirribatti ghall-appell bil-mod segwenti: li l-fatt li l-ligi ma tghidx espressament li l-avviz tal-oggezzjoni ghandu jkun motivat ma jfissirx li l-appellant mhux tenut illi jispjega x'inhuma r-ragunijiet ghall-oggezzjoni tieghu, ghax hu principju generali ta' dritt, partikolarment dak ta' *audi alteram partem* u tal-*equality of arms*, li l-parti l-ohra jkollha l-opportunita` ragjonevoli sabiex tiddefendi l-pozizzjoni taghha kontra l-aggravji tal-appellant, u dan tkun tista' taghmlu b'mod effettiv mhux billi, bhal fil-kaz prezenti, tinghata raguni vaga u wiesgha, b'mod li ma tkunx tista' tiddefendi ruhha minn dak allegat.

**17.** Tispjega li:

> "Jigi sottomess inoltre li mill-istess oggezzjoni ta' l-appellanti, l-esponenti l-anqas biss ma irnexxiela tiddeduci illi l-appellanti kienu qedghidn jallegaw xi nuqqasijiet fl-offerta taghhom ahseb u ara kemm kienet f' pozizzjoni li ggib id-difiza. Illi fil-fatt, l-esponenti ma prezetnat ebda risposta ghall-appell tal-esponenti minhabba l-fatt li ma kellha ebda hjiel ta' l-aggravji li fuqhom kienet imsejjsa l-oggezzjoni tal-appellanti"

**18.** Hija taghmel referenza ghad-dispost tal-Artikolu 3[2][a][ii] tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva [Kap.490] li jipprovdi li kull tribunal amministrattiv, inkluz il-Bord ta' Revizjoni, [skont l-Ewwel Skeda tal-istess Att], ghandu josserva d-dritt ta' kull kontendenti illi jkollu smigh xieraq, inkluz dak ta' *audi alteram partem*.

**19.** Taghmel referenza wkoll ghal dak li jghid l-Artikolu 21[3] tar-Regolamenti Dwar il-Kuntratti Pubblici li tassattivament jipprovdi, li f'kazijiet fejn il-valur jeccedi sebat elef Euro (€7,000) izda mhux mija u ghoxrin elf Euro (€120,000) l-ittra tal-oggezzjoni ghandu jkun fiha dikjarat "b'mod l-aktar car xi jkunu r-ragunijiet ghall-ilment" tal-offerent jew kandidat li jkun qed joggezzjona. Ghalhekk, ladarba l-legislatur jghid espressaemnt li f'dawn il-kazijiet "hekk imsejhin minuri" ghandu jigi indikat "b'mod mill-aktar car" ir-raguni ghal-oggezzjoni, dan ir-rekwizit ghandu japplika b'aktar qawwa f'kazijiet fejn il-valur ikun oghla u r-riskju tal-pregudizzju jkun akbar.

**20.** Jghidu li fil-kaz in dizamina, mhux biss fl-avviz tal-oggezzjoni l-appellant ma kienx car tant li s-socjeta` appellata ma kellha ebda hjiel li l-aggravji setghu b'xi mod kienu diretti lejn l-offerti taghha, izda lanqas fit-trattazzjoni tal-aggravji *seduta stante* quddiem il-Bord l-appellant ma kienx cert x'kienu l-aggravji li fuqhom qed jibbazaw l-oggezzjoni taghhom. Dan jirrizulta car minn dak sottomess mir-rapprezentanta tal-appellant seduta stante fejn din uriet li "ma kinitx certa" jekk is-socjeta` appellata kinitx ottemperat ruhha ma' diversi rekwiziti.

**21.** Dwar it-tieni aggravju, is-socjeta` appellata tghid l-appellant jakkuza lil Bord ingustament meta jghid li dan ha d-decizjoni tieghu "bl-aktar mod legger u superficjali". Tkompli:

> "…kien kompitu ta' l-appellanti li jipprezentaw il-kaz taghhom permezz ta' xhieda, dokumenti u provi ohra, u minkejja illi l-appellanti gew koncessi din il-fakolta', naqqsu milli jitellghu xhieda jew li jipprezentaw dokumenti in sostenn tal-kaz taghom….li kieku kellha xi prova li l-esponenti ma tikkwalifikax ghat-tender in kwistjoni, din messa pprezentata waqt is-seduta u kellha kull fakolta' li anke ttella bhala xhur rapprezentanta ta' AX Construction Ltd. li kienet prezenti u lesta li tixhed fuq il-kwistjoni…
>
> "…l-unika xhieda li kienet ipprezentata kienet dik viva voce tac-Chairman tal-Evaluation Committee imsejjah mill-Bord tar-Revizjoni, li kkonferma li l-offerta ta' AX Construction Limited kienet l-irhas wahda li kienet tikkwalifika that il-kondizzjonijiet tas-sejha, liema Chairman lanqas gie kontro-ezaminat mill-appellanti….[ghalhekk] il-Bord ta' Revizjoni bil-fors kellu jiddecidi a bazi tal-evidenza quddiemi, u fin-nuqqas ta' ebda forma ta' prova in sostenn tal-aggravji tal-appellant, l-unika deczijoni li setghet ragjonevolment titlhaq ai termini tal-ligi kienet li tichad l-oggezzjoni tal-appellanti."

**22.** Dwar l-allegazzjoni ta' nuqqas tad-dokumentazzjoni relattiva, tghid li kien jispetta lill-appellant li jitlob l-ezebizzjoni tad-dokumenti li jsostnu t-tezi tieghu ta' nuqqas ta' kwalifiki da parti tas-socjeta` appellata. Mhux talli hekk, talli wara li xehed Bernard Bartolo li qal li l-evalwazzjoni tal-offerti kienet *outsourced*, l-appellant ma hassx li kellu jitlob li jittella' bhala xhud il-persuna li ghamel l-evalwazzjoni. Ghalkemm il-Bord ghandu l-fakolta` li jtella' xhieda, izda d-decizjoni ghandu jehodha in bazi tal-provi li ghandu quddiemu, u f'dan il-kaz kien l-oneru tal-appellant li jsostni l-aggravji tieghu bil-provi.

**23.** Min-naha taghha <u>l-Awtorita` tat-Turizmu</u> appellata tirribatti b'diversi argumenti li diga` gew fuq esposti, u li a skans ta' ripetizzjoni mhux ser jergghu jigu indikati.

**24.** Fis-succint pero` jinghad li l-Awtorita` osservat li, kif *del resto* jammetti l-istess appellant, ma giet invokata ebda nullita` tal-appell in bazi ghan-nuqqas tal-appellant li jindika r-ragunijiet li fuqhom ibbaza l-oggezzjoni tieghu, u ma nghatat ebda dikjarazzjoni ta' nullita` mill-Bord, tant li l-Bord, ghalkemm irrimarka dwar dan in-nuqqas, ghadda sabiex sema' l-kaz fuq il-mertu tieghu u ddecieda l-kaz fuq il-mertu.

**25.** Inoltre jichad li tezisti xi prassi kif sostnut mill-appellant li r-ragunijiet tal-appell jigu ndikati seduta stante quddiem il-Bord. Dak li qed jissuggerixxi l-appellant huwa li "l-appellati ghandhom jippruvaw jipprezumu l-bazi tal-appell u sussegwentement, matul is-seduta wara li tkun giet svelata s-sorpriza jittrattaw l-appell dak il-hin stess, bl-izvantaggi kollha li ggib maghha tali procedura." Di fatti fil-kaz odjern, kien proprju waqt is-seduta li l-Awtorita` appellata saret taf bl-aggravji quddiem il-Bord.

**26.** Dwar it-tieni aggravju l-Awtorita` tirribatti li l-appellant naqas milli jsostni l-aggravji tieghu. Ma tressqux provi fir-rigward, u "dawn semplicement tefghu t-tajn minghajr ma gabu farka ta' argument jew prova in sostenn." Huwa

f'dawn ic-cirkostanzi li l-Bord talab lic-Chairman tal-Bord tal-Evalwazzjoni jixhed dwar dak allegat mill-appellant li *"the preferred bidder was not fully compliant"*, u filwaqt li xehed li dan ma kienx minnu, qal ukoll li l-offerta tal-*preferred bidder* kienet *the cheapest*. Din kienet l-unika prova li kellu l-Bord quddiemu, u "...l-konsorzju appellant ma ressaq l-ebda prova u/jew argument li seta' tefa' dubju fuq din ix-xhieda u konsegwentement il-Bord wasal ghall-unika konkluzjoni logika li seta' jasal ghaliha...".

**27.** Illi fir-risposta taghha l-Awtorita` intimata rriproduciet lista kontenenti informazzjoni dwar xoghlijiet maghmula minnha u referenzi, u li din l-informazzjoni kienet giet sottomessa minnha ghall-iskrutinju tal-Bord tal-Evalwazzjoni. Tghid li kieku kien jirrizulta car mill-avviz tal-oggezzjoni r-ragunijiet ghall-oggezzjoni, l-informazzjoni kontenuta fl-imsemmija lista kienet tigi debitament ippreparata u fornita lill-partijiet matul is-seduta quddiem il-Bord.

**28.** Illi ghar-ragunijiet fuq indikati l-appellati qed jitolbu li l-appell jigi michud, u d-decizjoni tal-Bord tigi konfermata bl-ispejjez.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**29.** Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tosserva li minn qari tad-decizjoni tal-Bord jirrizulta car u manifest li essenzjalment din kienet decizjoni <u>dwar il-mertu</u>. B'mod specifiku l-Bord ippronunzja ruhhu dwar ir-rekwiziti rikjesti mis-sejha ghall-offerta u wasal ghall-konkluzjoni li l-offerent rakkomandat kien "fully compliant" u li l-offerta tieghu kienet l-orhos wahda. Barra minnhekk il-Bord osserva wkoll li l-Evaluation Bord wettaq l-inkariku tieghu *"in a diligent and fair manner"*.

**30.** Rigward l-osservazzjoni maghmula mill-Bord rigwardanti l-kontenut tal-avviz tal-oggezzjoni inkwistjoni, jidher li l-Bord hass li kellu jirrileva li fil-kaz odjern dan l-avviz ma kienx jikkontjeni ragunijiet specifici li fuqhom l-appellant kien qed jibbaza l-oggezzjoni tieghu. Izda minkejja dan, din id-dikjarazzjoni tal-Bord, ghalkemm maghmula fil-parti operattiva tad-decizjoni, ma kienet ta' ebda pregudizzju ghall-proceduri istitwiti mill-appellant, tant li, minkejja l-mankanza fl-avviz indikata mill-Bord, ma nghatat ebda dikjarazzjoni ta' nullita` tal-proceduri, u l-Bord ghadda sabiex jikkunsidra u jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu tieghu.

**31.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat

**32.** Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**33.** Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant u cioe` li l-Bord ma ottemperax ruhhu mad-dispost tar-regolament 84[2][c] tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, mill-atti tal-appell jirrizulta li permezz ta' ittra datata 4 ta' Frar 2014 intbaghtu lic-Chairman tal-Bord, b'kopja lill-membri l-ohra, id-dokumenti kollha konnessi mal-kaz, u ghalhekk l-allegazzjoni tal-appellant li l-Bord ma kellux id-dokumenti tal-kaz quddiemu hija fattwalment insostenibbli. Barra minnhekk minn imkien ma jirrizulta li meta ha d-decizjoni tieghu l-Bord kien sprovvist mid-dokumenti mehtiega biex jasal ghal decizjoni.

**34.** Fit-tieni lok jigi osservat li din il-Qorti bhala Qorti ta' Revizjoni ma tiddisturbax konkluzjonijiet tal-ewwel istanza dwar fatti, jekk ma jintweriex illi l-ewwel istanza bl-evidenza li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghal dak osservat minnha fil-kawza **Steelshape Limited v. Direttur tal-Kuntratti,** deciza fis-7 ta' Awwissu 2013:

> "..bhala qorti tat-"tielet istanza" f' dawn it-tip ta' kazijiet ma hux mistenni li din tidhol biex tezamina d-dettalji teknici ta' kull offerta biex tara jekk offerta partikolari tissodisfax jew le r-rekwiziti teknici mitluba fis-sejha ghall-offerti. Din il-Qorti, kif kostitwita, la tista' u lanqas ghandha x-xjenza teknika mehtiega bie tevalwa materji li jmorru lil hinn mill-kompetenza taghha."

**35.** F'dan il-kaz il-Bord semgha x-xhieda ta' Bernard Bartolo [Chairman tal-Evaluation Board] u hass li kellu jaghtih affidament, u l-Bord kien fil-parametri

tad-diskrezzjoni tieghu meta wasal ghall-konkluzjoni li l-Evaluation Board agixxa *"in a diligent and fair manner."* Ma kien hemm xejn x'juri li l-Bord ma setax ragjonevolment jasal ghal din il-konkluzjoni.

**36.** Barra minnhekk, u fit-tielet lok, jigi osservat in tema legali li min jallega ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt minnu allegat, u ghalhekk fil-kaz odjern ladarba waqt is-seduta l-appellant zvela li l-oggezzjoni tieghu kienet bazata fuq l-allegazzjoni li s-socjeta` appellata AX Construction Limited ma kinitx tissodisfa r-rekwiziti indikati fid-dokument tas-sejha ghall-offerti, huwa addossa fuqu l-oneru li jipprova dan il-fatt, liema oneru ma rnexxielux jissodisfa, ghax mir-rapport tas-sottomissjoni maghmula, jirrizulta car li dak li rnexxielu juri l-appellant kien biss id-dubju tieghu li l-imsemmija socjeta` appellata ma kinitx tissodisfa r-rekwiziti indikati mit-*tender documents.*

**37.** Fir-raba' lok, rigward l-ilment li l-Bord strah biss fuq ix-xhieda ta' Bernard Bartolo [Chairman tal-Evaluation Board] il-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta dan il-fatt allegat mill-appellant. Kif sewwa ssottomettew l-appellati, ma kien hemm xejn x'jostakola lill-appellant milli jitlob li dan ix-xhud jigi kontro-ezaminat, kif ma kien hemm xejn x'jimpedixxi li jitlob li jressaq xhieda hu, inkluz rapprezentanti tas-socjeta` AX Construction li kienu prezenti ghas-seduta.

**38.** Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa nfondat

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell, bl-ispejjez a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------